23 ta' April, 1951.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Carmelo Ciantar *versus* Onor. Avv. Dr. Giuseppe M. Camilleri ne.

**Gvern— Atti "Jure Imperii" — Atti "Jure Gestionis" — Rekwiżizzjoni — Housing Commissioner.**

*Fil-ġurisprudenza hija komuni d-distinzjoni ta' żewġ personalitajiet fil-Gvern—dik politika, għal dawk l-atti li jagħmel "jure imperii"; u l-oħra ġuridika, għall-atti minnu kompjuti "jure gestionis". Rigward l-ewwel personalità l-Gvern huwa superjuri għar-rapporti ta' indoli ġuridika privata, u fl-eżerċizzju tal-poteri politiċi huwa insindakabili mill-Qrati u eżenti minn kwalunkwe responsabilità ċivili; mentri in kwantu għat-tieni personalità l-Gvern jitqies bħala persuna privata, u huwa sottopost għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati.*

*Il-Qrati ma jistgħux jiddiskutu l-opportunità jew il-ġustizzja ta' provvediment amministrativ meħud mill-Gvern sakemm dak il-provvediment ikun ittieħed mill-awtorità kompetenti u fil-forma dovuta. Anzi, meta l-privat jagħmel kuntratt mal-Gvern fl-orbita ta' l-amministrazzjoni, għalkemm il-Gvern ikun obligat jirrispetta dak il-kuntratt, b'daqshekk però il-poter publiku ma jiġix privat milli jagħti ordnijiet li jkunu mposti mill-ordni publiku "jure imperii", avvolja minħabba dawk l-ordnijiet il-kuntratt isir inattwabili.*

*Il-provvediment li bih il-Housing Commissioner jalloka dar rekwiżizzjonata lil xi persuna huwa appuntu wieħed minn dawn l-atti "jure imperii", li jisfuġġu għall-kritika tal-Qrati; u kif il-Housing Commissioner jista' jagħti dak il-provvediment, hekk ukoll jista' jirrevokah insindakabilment billi jalloka lil persuna oħra dik id-dar; b'mod li jekk l-ewwel allokatarju ta' dik id-dar jagħmel xi kontra l-Gvern biex il-Qrati jiddikjaraw il-validità ta' l-ewwel provvediment u l-invalidità tat-tieni provvediment revokatorju, il-Qrati ma jistgħux jagħtu widen għat-talba tiegħu.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, li biha l-attur, wara li qal li bl-ittra tat-18 ta' Lulju 1950 (dok. A) il-Housing Commissioner fisser lill-attur illi l-Ministru tax-Xogħlijiet u Rikostruzzjoni kien assenjalu l-appartament numru 1, Merchants Street, Valletta, biex jokkupah, bil-kondizzjoni illi jitlaq ir-residenza tiegħu nru. 105/105B, Saint Ursola Street, Valletta; u fuq rikjesta ta' l-attur b'ittra tas-26 ta' Ottubru 1950 (dok. B) il-konvenut irrisponda illi daka l-appartament kien sejjer jiġi mogħti lil familja oħra; talab li jiġi dikjarat u deċiż illi l-assenjazzjoni magħmula lill-instanti ta' l-imsemmi appartament skond l-ittra tat-18 ta' Lulju 1950 hija valida u legali; u konsegwentement il-konvenut jiġi kundannat illi jirrilaxxja l-istess appartament lill-attur biex jokkupah malli jiġi kompletat. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tas-7 ta' Novembru 1950, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-8 ta' Jannar 1951, li biha ġiet miċħuda t-talba attriċi, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi l-kwistjoni kollha sollevata, ridotta għall-minimi termini, tirriduċi ruħha għar-riżoluzzjoni ta' dan il-kweżit, u ċjoè jekk l-ittra tat-18 ta' Lulju 1950, li biha l-Ministru inkarikat ta' allura, per mezz tal-Housing Commissioner, fisser lill-attur li kien ġie lilu assenjat l-appartament imsemmi, taħt il-kondizzjonijiet hemm imsemmija, bir-revoka tagħha mill-Ministru tal-lum per mezz tal-Housing Commissioner bl-ittra tal-4 ta' Novembru 1950, tikkostitwixxix ksur ta' xi rapport kontrattwali skond u bl-effetti mitluba mil-liġi komuni (Titolu IV, sottitolu I, para. 1, tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta);

Illi t-termini "Stat" u "Gvern" jikkoordinaw ruħhom bejniethom;

Illi l-personalità ta' l-Istat ("State" — "Stato") tirrivela ruħha taħt diversi aspetti, li għalihom jikkorrispondi dupliċi ordini ta' rapporti ta' dritt. In kwantu l-Istat jew Gvern jesplika l-attributi tiegħu tas-sovranità, huwa jingħad u jitqies bħala personalità politika; mentri in kwantu li huwa anki enti patrimonjali, u bħala tali għandu jiġi meqjus pari għal kwalunkwe individwalità fiżika u kollettiva, l-istess għandu jkun sottopost għar-regoli tad-dritt komuni; u f'dina l-funzjoni l-Istat jingħad li huwa persuna ġuridika, bħala li f'dina l-isfera ta' l-attività tiegħu huwa "subjectus idoneus" ta' relazzjonijiet ġuridiċi. L-ewwel attijiet huma provvedimenti "jure imperii", u t-tieni attijiet huma azzjoni "jure gestionis";

Illi l-att tal-Gvern li jemana mis-sovranità huwa att ta' imperu ("jure imperii"), u f'dina l-isfera ta' attività l-Istat ma jinkorrix, di front għaċ-ċittadini privati, fl-ebda rapport kontrattwali jew semi-kontrattwali ta' obligazzjoni. Il-provvedimenti li l-Gvern jadotta "jure imperii" jistgħu jiffurmaw oġġett ta' diskussjoni quddiem l-assemblei leġislativi, li għandhom il-poter li jissindakawhom, iżda mhux quddiem l-awtorità ġudizzjarja, li ma għandhiex id-dritt li tiddiskuti l-opportunità tal-provvediment, iżda biss li tara li l-istess ikun ġie maħruġ skond il-forma li trid il-liġi mill-awtorità kompetenti, u li l-istess ma jkunx "ultra vires";

Illi meta l-Gvern jadotta provvedimenti li għandhom relazzjoni ma' l-interess pubbliku in ġenerali, huwa jkun qiegħed

jeżerċita mhux il-personalità ġuridika, iżda l-personalità politika; u f'dina l-funzjoni operativa tkun tidher esplikata l-missjoni tiegħu ta' reġġitur u moderatur tal-konsorzju soċjali. Per konsegwenza, huwa ma jkunx rivestit bl-obligi u drittijiet li huma dixxiplinati mill-Kodiċi Ċivili, iżda jkun qiegħed jassumi di fronti għall-pajjiż dik ir-responsabilità politika li hija proprja tal-Gvern;

Illi huwa fatt inkontrastabili li l-oġġett tat-talba odjerna huwa intiż sabiex jiġi attakkat provvediment tal-Gvern inerenti għad-dritt politiku. Tabilħaqq, ir-revoka ta' l-ittra tat-18 ta' Lulju 1950, mill-Housing Commissioner, fuq l-espressjoni tal-Ministru inkarikat minn dak id-dipartiment, operat ruħha skond ċerti kriterji li jitnisslu mill-poter diskrezzjonali tal-publiku funzjonarju inkarikat minn dak id-dipartiment, kif del resto l-konċessjoni magħmula bl-ittra revokata kienet fuq l-istess kriterji bażata. F'daka l-eżerċizzju, tant meta saret il-konċessjoni kemm meta ġiet revokata, l-għaliex appuntu l-kriterji li minnhom emanaw u tnisslu kienu diskrezzjonali, innormi sanċiti mill-Kodiċi Ċivili dwar l-obligazzjonijiet u l-kuntratti ma kienu jidħlu b'xejn; l-għaliex il-poter diskrezzjonali li jitnissel mill-Housing Commissioner fl-interess publiku, biex jipprovdi lin-nies lukien fejn wieħed jista' jgħammar, jew biex jiżgura t-tqassim xieraq ta' lukien fejn wieħed jista' jmur joqgħod, huma poteri konfidati lill-aġenti governativi, konċessi fl-interess ġenerali tas-soċjetà; u bħala tali huma atti "jure imperii", li ma jikkostitwux ebda rapport obligatorju bejn min jeżerċitahom a favur ta' min jistgħu jiġu eżerċitati, kif jidher mill-kontest kollu ta' l-Att II ta' l-1949, u partikolarment issezzjoni 9 ta' dak l-istess Att;

Illi kieku ma kienx hekk, jista' jiġri l-inkonvenjent, umanament possibili, li, eżerċitata bi żball id-diskrezzjoni ta' l-istess, ma kienet tkun tista' qatt tiġi revokata, anki wara li jiġi skopert l-iżball, jew li, ċessata n-neċessità ta' l-eżerċizzju, il-benefikat, non ostanti li l-interess ġenerali jkun jirreklama provvediment ieħor kuntrarju, kien ikun jista' jopponi b'suċċess dika r-revoka;

Illi kwindi l-konvenut nomine, meta per mezz tal-Housing Commissioner, u fuq il-parir tiegħu, kif jirriżulta mill-provi, irrevoka l-ittra tat-18 ta' Lulju 1950, ma kiser ebda obligaz-

zjoni, imma biss b'ddel id-diskrezzjoni li ġiet użata bil-konċessjoni fuq imsemmija, li kienet ukoll ta' natura diskrezzjonali, u mhux obligatorja, l-għaliex mill-attijiet tal-Gvern eżerċitati "jure imperii" ma jitnisslux rapporti kontrattwali jew semi-kontrattwali ta' obligazzjoni;

Illi kwindi t-talba attriċi ma timmeritax li tkun milqugħa;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġu akkolti d-domandi tiegħu; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant qiegħed jibbaża t-talba tiegħu fuq il-pretensjoni li bl-ittra tat-18 ta' Lulju 1950, eżibita fil-fol. 5 tal-proċess, bejnu u bejn il-Gvern, rappreżentat mill-konvenut nomine, inħolqu rapporti ta' indoli ġuridika li ma setgħux jiġu posterjorment rikonoxxuti u mħassra, kif effettivament ġara bl-ittra tal-4 ta' Novembru 1950, li kopja tagħha tinsab eżibita fil-fol. 10 tal-proċess. B'dina l-kawża, għalhekk, l-attur qiegħed jinsisti fuq il-validità tal-konċessjoni lilu magħmula bl-imsemmija ittra tat-18 ta' Lulju 1950, u fuq l-ineffikaċja ta' l-ittra tal-4 ta' Novembru 1950, li tħassar ir-rapporti ġuridiċi li nħolqu b'dik preċedenti. Kontra dina l-pretensjoni l-konvenut nomine jallega li l-provvediment kontenut fl-imsemmija ittra tal-4 ta' Novembru 1950, huwa att eżerċitat mill-Gvern "jure imperii", u bħala tali mhux sindakabili minn dawna l-Qrati;

Ikkunsidrat;

Illi hija komuni fil-ġurisprudenza tagħna d-distinzjoni ta' żewġ personalitajiet fil-Gvern — dik politika, għal dawk l-atti li jagħmel "jure imperii", u l-oħra ġuridika għall-atti minnu kompjuti "jure gestionis". Rigward l-ewwel personalità l-Gvern huwa superjuri għar-rapporti ta' indoli ġuridika privata, u fl-eżerċizzju tal-poteri politiċi huwa insindakabili minn dawn il-Qrati u eżenti minn kwalunkwe responsabilità ċivili; in rigward għat-tieni personalità l-Gvern "tamquam privatus egisse censetur", u huwa sottopost għall-ġurisdizzjoni tat-Tribunali (Kummerċ, 5 ta' Jannar 1902, in re "Azzopardi vs. Maffiggiani", Kollez. Vol. XVIII, parte III, paġ. 69; Prima Awla, 15 ta' Frar 1894, in re "Busuttil vs. Laprimaudye";

Appell, 1 ta' Gunju 1925, in re "Dr. Busuttil vs. Onor. Prof. Mallia", Kollez. Vol. XXVII, parte I, paġ. 164; Appell, 9 ta' Novembru 1935, in re "Galea vs. Onor. Galizia ne."; u Appell, 28 ta' Frar 1912, in re "Boselli vs. Roupell"). Gie anki ritenut li dawna l-Qrati ma jistgħux jiddiskutu l-opportunità jew il-ġustizzja ta' provvediment amministrativ tal-Gvern jekk l-Awtorità kienet kompetenti biex tieħu d-deċiżjoni impunjata, u dina ġiet meħuda fil-forma dovuta (Appell, 11 ta' Marzu 1903, in re "Amato vs. Merewether"). U iżjed reċentement, b'sentenza tat-8 ta' Novembru 1943, in re "Buttigieg vs. Capt. Cross" (Kollez. Vol. XXXI, parte I, paġ. 398-405), dina l-Qorti rriteniet li meta privat jagħmel kuntratt mal-Gvern fl-orbita ta' l-amministrazzjoni, il-Gvern ikun obligat jirrispetta dak il-kuntratt; imma b'daqshekk ma jkunx ippriva l-Poter Pubbliku illi jagħti ordnijiet li jkunu imposti mill-ordni publiku "jure imperii", u li minħabba dawk l-ordnijiet dak il-kuntratt ikun sar inattwabili;

Ikkunsidrat;

Illi l-provvediment impunjat, kontenut fl-imsemmija ittra tal-4 ta' Novembru 1950 (fol. 10), ġie meħud mill-Housing Commissioner bis-saħħa tal-poteri diskrezzjonali lilu attribwiti bl-Att nru. II ta' l-1949. Skond dina l-liġi, l-allokazzjoni tad-djar taħt il-kontroll tal-Housing Commissioner hija rimessa għad-diskrezzjoni ta' dana l-uffiċjal governativ, u fl-eżerċizzju ta' dina d-diskrezzjoni huwa jaġixxi "jure imperii"; bil-konsegwenza li mhux sindakabili minn dawna l-Qrati. Kif sewwa sostniet is-sentenza appellata, il-provvediment impunjat ġie mogħti mill-Gvern fl-eżerċizzju tad-dritt politiku lilu spettanti fl-interess ġenerali tas-soċjetà, u bħala tali huwa att "jure imperii"; u skond il-ġurisprudenza fuq ċitata l-istess Gvern huwa eżenti minn kwalunkwe responsabilità ċivili;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba, u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re fit-8 ta' Jannar 1951; bl-ispejjeż kontra l-attur appellant.